MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01

4 ta' Lulju, 2024

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-11.08am

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Philip Cassar – Viċi Sindku
Francis Galea – Kunsilliera
Maria Cassar Sultana – Kunsillier
Franco Tabone - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 01

1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
1.2 Komunikazzjoni
1.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

### 1.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

1.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 1.2 Komunikazzjoni

1.2.1 Is-sindku ta' bidu għal din l-ewwel laqgħa ta' din l-għaxar leġislatura tal-kunsill lokali Ta' Sannat.

1.2.1 Is-segretarja eżekuttiva bdiet l-intervent tagħha billi tat merbħa lill-kunsilliera ta' din l-għaxar leġislatura u awgurat li jkollhom ħames snin ta' ħidma flimkien b'risq il-kommunita' Ta' Sannat. Fil-bidu ta' din il-leġislatura, il-kunsilliera se jikkonfermaw is-sindku u l-viċi sindku rispettivament skond il-voti miksuba fl-aħħar elezzjoni. Is-segretarja eżekuttiva qassmet il-formula ta' aċċetazzjoni tal-kariga lis-sindku u l-viċi sindku rispettivament biex dawn jiġu iffirmati u anki tiġi ffirmata mill-kunsilliera l-oħra u mis-segretarja eżekuttiva biex tikkonferma dawn il-ħatriet. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li l-informazzjoni mitluba minn kull kunsillier ġew miġbura w kkonfermati mill-kunsilliera nfushom. Rigward id-dekasteri assenjati lill-kunsilliera, din se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

1.2.2 Is-segretarja eżekuttiva qalet, li jekk ikun hemm bżonn li l-kunsill jgħaddi xi informazzjoni, notifikazzjoni urġenti, ċirkulari etċ, dawn jistew jikkomunikaw b'mod dirett jew inkella b'użu ieħor ta' mezzi ta' komunikazzjoni. F'ċertu okkazzjonijiet, il-kunsilliera jiġi mitluba biex jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq temi partikulari, u dawn se jiġu mniżżla fir-records tal-kunsill.

1.2.3 Is-sindku qal li dan għal-fatt li jistew joħorġu xi skemi li jkunu ftit ristretti fil-ħin u ma jkunux jistew jistennew il-laqgħa li jkun imiss. Is-sindku qal li jistew jagħmlu chat group fuq whats app jew messanger biex ikunu jistew jikkomunikaw flimkien aktar faċli. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li importanti li dawn l-użu ta' chat groups jintuża f'ħinijiet diċenti spesifikament waqt il-ħin tax-xogħol għax kultant ikollha bżonn tiċċekja xi nformazzjoni minn files etċ. Is-segretarja eżekuttiva saħqet li huwa mportanti li l-emejl li ġie pprovdut mill-kunsilliera stess ikun aċċessibli minn naħa tal-kunsilliera nfushom u hija responsabilta tal-kunsilliera biex jaraw in-notifikazzjoniet li jkunu ntbagħtu. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li jekk tkun importanti ħafna, din l-emejl se tiġi mmarkata 'high importance' u jekk urġenti, se jsir komunikazzjoni diretta permezz tat-telefon. Is-segretarja eżekuttiva rrimarkat li xi kultant ikunu b'nuqqas ta' staff u tkun diffiċli biex jikkomunikaw b'mod dirett għal kull ħaġa.

1.2.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet li min ikollu bżonn xi kommunikazzjoni uffiċċjali minħabba x-xogħol biex ikun jista jattendi għal-laqgħa, din tista' tiġi pprovduta emejl mill-kunsill. Is-segretarja ġibdet l-attenzjoni lill-kunsilliera, li l-laqgħat jibdew fil-ħin li jkun miftiehem. Jekk xi ħadd ikun se jittardja irid jinforma lill-kunsill, u jekk xi ħadd ikun indisponibbli għal-laqgħa irid jibgħat emejl bħala ittra ta' aġoloġija. Jekk din ma tintbagħatx bil-miktub, is-segretarja eżekuttiva se tniżżel fil-minuti tal-laqgħa li din ma ntbagħtitx skond ir-regolamenti mitluba. Jekk xi ħadd ma jitfaċċax għal-laqgħa, il-laqgħa xorta tkun tista' tibda, dejjem jekk ikun hemm 'quorum'. Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-laqgħat ivarjaw fit-tul tagħhom, imma jekk tara li l-laqgħa li jkun imiss se tieħu ftit fit-tul minħabba numru ta' lmenti jew deċizjonijiet li jridu jiġu diskussi, hi se tinforma lill-kunsilliera minn qabel.

## Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

## 1.3

1.3.1 Il-laqgħa ntemmet fil-11.19am u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss hija skedata għal Ħamis 18 ta' Lulju fil-11.00am. Il-kunsill se jibgħat l-aġenda u se jqassmu l-minuti ta' din il-laqgħa u jekk il-kunsilliera jkunu jridu jżidu xi ħaġa fil-minuti, jinfurmaw lis-segretarja eżekuttiva biex din tkun annessa. Il-kunsilliera Galea qalet, li la darba l-leġislazzjoni preċedenti ngħalqet, tistax tiċċejka fuq applikazzjoni fi Triq Skerla li ssemmiet fil-laqgħat preċedenti, fejn is-sindku ried jiffirma xi karti ta'approvazzjoni. Is-segretarja eżekuttiva qalet, li din hija mniżżla fil-minuti ta' dik il-laqgħa u kkonfermat li se jsib il-karti mitluba biex ikun jista' jiffirma s-sindku.

Konfermati, illum 18 ta' Lulju 2024

Philip Vella
Sindku

Marie Josette Vella Magro
Segretarja eżekuttiva